MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 133/2018 LM

**Joseph Borg (K.I. numru 553550M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) u Valletta Fund Management Limited (C18603) li b'effett mit-22 ta' Novembru 2016, bdiet tissejjaħ BOV Asset Management Ltd.**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

Rat in-nota (*a fol.* 126 tal-proċess) ippreżentata mill-appellat Joseph Borg (K.I. numru 553550M) fid-9 ta' Settembru, 2020, li permezz tagħha ddikjara li filwaqt li

qiegħed iċedi l-ilment tiegħu mressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 004/2017 fl-ismijiet premessi, qiegħed jirrinunzja għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ u jiddikjara li ma għadx għandu interess fl-ilment imsemmi. Iddikjara wkoll li din in-nota qiegħda ssir sabiex jillimita l-ispejjeż li jistgħu jiġu inkorsi minnu f'dan l-appell.

Rat il-verbal tas-seduta tad-09 ta' Settembru, 2020 fejn l-Avukat Francesca Galea Cavallazzi għall-appellanti Bank of Valletta p.l.c. u BOV Asset Management Limited, in vista tal-imsemmija nota tal-appellat, irrimetiet ruħha fir-rigward ta' jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi huwiex meħtieġ li tingħata sentenza jew le, u f'kull każ l-appellant irrinunzja għat-talba għall-ispejjeż.

Tqis li ladarba l-appellat ċeda l-ilment tiegħu mressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 004/2017 u rrinunzja għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ datata 12 ta' Settembru, 2018, u l-appellanti rrinunzjaw għat-talba għall-ispejjeż, u rrimettew ruħhom fir-rigward ta' jekk huwiex meħtieġ li tingħata sentenza f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tiddikjara illi l-mertu ta' dan l-appell huwa eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**